kun

TAGĦRIF DWAR L-INTEGRAZZJONI TA' RIFUĠJATI F'MALTA GĦAL MIN JIPPROVDI SERVIZZI

2013

# infurmat

UNHCR
The UN Refugee Agency

aditus
accessing rights

Dan il-ktejjeb huwa maħsub għal dawk l-aġenziji li joffru xi servizz lir-rifuġjati li qed joqogħdu Malta. Għalkemm huwa parti minn sensiela ta' sessjonijiet ta' taħriġ, jista' jintuża waħdu bħala referenza għal kull min ikollu bżonn tagħrif bażiku dwar ir-rifuġjati, id-drittijiet tagħhom u varji elementi oħrajn. Huwa bi pjaċr kbir li aditus foundation qed tqassam dan il-ktejjeb, bl-iskop li r-rifuġjati jingħataw servizz xieraq u skond id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tagħhom. Biex nimxu lejn l-integrazzjoni, l-informazzjoni hija essenzjali.

Dr. Neil Falzon, Direttur, aditus foundation

Dan il-ktejjeb hu maħsub għal dawk li jipprovdu xi tip ta' servizz, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat. Huwa joffri informazzjoni ġenerali dwar rifuġjati – min huma, minn fejn ġejjin, x'inhi l-proċedura f'Malta biex tipproċessa r-rikjesta għall-ażil, x'inhuma l-istatuses differenti li jingħataw f'dan ir-rigward u d-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom skond il-Liġi. Il-UNHCR u l-aditus jixtiequ jaqsmu din l-informazzjoni waqt is-sezzjonijiet miżmuma magħkom u jirrispondu mistosqijet relevanti. Madanakollu, huwa ukoll l-għan ta' dan il-proġett illi nisimgħu dwar l-esperjenza tagħkom meta toffru s-servizzi tagħkom lir-rifuġjati ħalli kuntatt effettiv u integrazzjoni lokali jkunu tassew possibbli.

Mr. Jon Hoisaeter, Rappreżentant, UNHCR Malta

Kun infurmat.

Terminoloġija

Kronoloġija

Min hu min?

Statuses

Mistoqsijiet

Kuntatti

## Applikazzjoni għal-Ażil

Meta persuna tesprimi l-biża' tagħha li tiġi rritornata lura lejn pajjiżha.

## 'Asylum-seeker'

Persuna li qed tgħid li hija rifuġjata, imma l-applikazzjoni tagħha għadha ma ġietx ipproċessata mil- Kummissarju tar-Rifuġjati.

## AWAS

'Agency for the Welfare of Asylum-Seekers', l-aġenzija tal-gvern risponsabbli għaċ-Ċentri Miftuħa u għall-persuni vulnerabbli.

## Pajjiż tal-Oriġni

Il-pajjiż tan-nazzjonalita jew tar-reżidenza permanenti.

## Pajjiż ta' tranżitu

Pajjiż li jgħaddi minnu rifuġjat, e.ż. Libja.

Persuna li għażlet li titlaq minn pajjiżha.

**Immigrant**

**RefCom**

Uffiċju tal-Kummissarju għar-Rifuġjati

**Rifuġjat**

Persuna li qiegħda barra minn pajjiżha u li ma tistax tirritorna lejh minħabba biża' ta' vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem tagħha, minħabba l-attivitajiet, twemmin jew oriġni tagħha.

**NGO**

Għaqda mhux governattiva.

**UNHCR**

Il-'United Nations High Commissioner for Refugees' hija l-aġenzija tal-Ġnus Maqgħuda risponsabbli li tħares ir-rifuġjati kollha fid-dinja.

Meta rifuġjat jew immigrant jagħżel li jirritorna lura lejn pajjiżu.

**Ritorn Volontarju**


Wasla bid-dgħajsa
Wasla mod ieħor, anke regolari
Detenzjoni
Ritorn?
Rifuġjat?
Minuri?
Vunnerabbli?
Le
Iva
Le, protezzjoni oħra
Le
Iva
Le
Iva
Detenzjoni
Appell
Appell
Detenzjoni
Ħelsien


Wasla dgħajsa (Pulizija Immigrazzjoni, Dipartiment tas-Saħħa)
Intervista mal- Pulizija Immigrazzjoni
Reġistrazzjoni f’databases Maltin u Ewropej
Eżami tas- saħħa


Detenzjoni (Servizzi tad-Detenzjoni, AWAS, Dipartiment tas-Saħħa)
Lyster (Ħal Far) jew Safi Barracks
Kundizzjonijiet diffiċli tal-għejxien
Impatt negattiv psikoloġiku u fiżjoloġiku
Servizzi tas-saħħa
Varji attivitajiet (lezzjonijiet tal-lingwa, eċċ.)
Żjarat minn UNHCR, IOM & NGOs
Ħelsien/Dewmien
• Vulnerabbli malajr kemm jista' jkun
• Ażil pożittiv, mad-deċiżjoni
• Ażil għaddej, 12-il xahar
• Oħrajn 18-il xahar


Ritorn
(MFA, IOM)
Tagħrif minn IOM,
UNHCR u NGOs
Għażla ħielsa u
volontarja
Għajnuna għar-
ritorn u għar-
reintegrazzjoni


Proċedua tal-Ażil (RefCom, RAB)
Ħafna mistoqsijiet personali dwar ir- raġunijiet tal-ħarba
Verifikazzjoni ma' tagħrif dwar il-pajjiz
Interpretu
Deċiżjonijiet pożittivi
• Stat ta' rifuġjat
• Protezzjoni Sussidjarja
Deċiżjonijiet negattivi jistgħu jiġu appellati quddiem ir-Refugee Appeals Board
L-Appeals Board jikkonferma jew iħassar l-1 deċiżjoni


Nies li jgħidu li huma minuri u waħedhom (AWAS, MEEF)
Riferuti malli jaslu jew f’kwalunkwe stadju
Proċedura quddiem Age Assessment Panel
Intervista dettaljata biex jistabbilixxu l-eta
Minuri jinħelsu mid-detenzjoni minħabba vunnerabbilta
Impoġġija taħt il- kura tal- Ministru (Care Order)
Akkommodati f’ċentri apposta; għajnuna u pjan ta’ kura


Vulnerability Assessment Team (AWAS)
Nisa tqal, familji bit-tfal, persuni b'diżabbilta, każijiet mediċi (anki psik.)
Intervista dettaljata biex jistabbilixxu l-vunnerabbilta
Persuni vunnerabbli jinħelsu mad-deċiżjoni
Ftit postijiet għal akkommodazzjoni xierqa wara d-detenzjoni


Ħelsin mid-detenzjoni (AWAS...)
Akkommodazzjoni fiċ-Ċentri Miftuħa
Varji mudelli ta' ċentri, tal-AWAS jew ta' NGOs
Ir-reżidenti jistgħu jidħlu u joħorġu kif iridu, skond ir-regoli
Rekwiżiti ta' reġistrazzjoni, biex ikun hemm ordni
Kundizzjonijiet u regoli differenti skond iċ-ċentru
Drittjiet u obbligazzjonijiet differenti skond l- istatus
L-għan aħħari...ħajja indipendenti fil-kommunita

## Pulizija Immigrazzjoni

- Identifikazzjoni
- Dokumentazzjoni

## Kummissarju għar-Rifuġjati (RefCom)

- Applikazzjonijiet
- Status

## Refugee Appeals Board

- Appelli minn RefCom

## Agency for the Welfare of Asylum Seekers (AWAS)

- Ċentri Miftuħa
- Minuri
- Nies vunnerabbli

## Servizzi tad-Detenzjoni

- Ċentri Magħluqa

## Oħrajn...

- Saħħa
- Edukazzjoni
- Xogħol
- Servizzi soċjali

## United Nations High Commissioner for Refugees (UNHCR)

- Avokatura
- Taħriġ
- Soluzzjonijiet (Integrazzjoni, Ritorn Volontarju, Resettlement/ Rilokazzjoni)

## International Organisation for Migration (IOM)

- Ritorn Volontarju u Megħjun
- Resettlement/ Rilokazzjoni

## Għaqdiet mhux Governattivi (NGOs)

- Tagħrif
- Għajnuna (legali, medika, soċjali)
- Avokatura

Statuses


RefCom jew Refugee Appeals Board
Jista' jiġġedded
Drittijiet u Obbligazzjonijiet differenti
Drittijiet fondamentali għal kulħadd
Kważi dejjem ċertifikati personali
Rifuġjat
Protezzjoni Sussidjarja
Protezzjoni Umanitajra Temporanja
Protezzjoni Umanitajra Temporanja N
'Asylum-Seeker'
'Rejected', Mingħajr Status Formali

## Rifuġjat

Persuna ma tistax tirritorna lura lejn pajjiżha minħabba biża' fondata ta' persekuzzjoni minħabba l-opinjoni politika, twemmin reliġjuż, razza, nazzjonalita jew għax tkun parti minn grupp soċjali partikolari.

## Protezzjoni Sussidjarja

Persuna ma tistax tirritorna lura lejn pajjiżha minħabba l-piena tal- mewt, vjolazzjonijiet serji tad- drittijiet tal-bniedem, jew sitwazzjoni ta' gwerra jew ta' kunflitt.

## Protezzjoni Umanitajra Temporanja

Persuna ma tistax tirritorna lura lejn pajjiżha minħabba raġunijiet umanitarji bħal bżonnijiet mediċi, tfal, anzjani, eċċ. Din hija d-diskrezzjoni ta' RefCom.

## Protezzjoni Umanitajra Temporanja N

Meta persuna li mhix rifuġjata tkun integrata sew fis-soċjetá Maltija u aktarx ma tistax tintbagħat lura.
Din hija d-diskrezzjoni ta' RefCom.

## 'Asylum-Seeker'

Persuna li għamlet talba għall-protezzjoni imma l-każ tagħha għadu għaddej.

## 'Rejected', Mingħajr Status Formali

Persuna li tista' tmur lura lejn pajjiżha mingħajr biża' ta' gwerra jew ksur serju tad-drittijiet fondamentali tagħha.

# Rifuġjat

Dritt li jibqa' Malta + resettlement/ relocation

Dmir li jħallas it-taxxi, il-bolla u li jirrispetta l-liġijiet

Jista' japplika għal taħrig pubbliku b'xejn

Jista' jaħdem: work permit f'ismu

Għajnuna soċjali bħal-Maltin

Dokument tal-ivjaġġar

Status ta' tliet snin li jista' jiġġedded

Sussidju tal-kera għal dħul baxx

Reunifikazzjoni tal-familja (mara/ raġel u tfal dipendenti)

Jista' japplika biex isir ċittadin wara 10 snin Malta

Edukazzjoni tal-gvern primarja u sekondarja bħal-Maltin

Jista' jiċċaqlaq kif irid f'Malta

Dritt li jibqa' Malta + resettlement/ relocation

Servizzi mediċi tal- gvern 'Core'

Dmir li jħallas taxxi, il-bolla u li jirrispetta l-liġijiet

Jista' jaħdem: work permit f'ismu

Social and Unemployment Assistance

Status ta' sena li jista' jiġġedded

Edukazzjoni tal-gvern primarja u sekondarja bħal-Maltin

Passaport tal-Barranin

Jista' japplika għal taħrig pubbliku b'xejn

Għajnuna finanzjajra fiċ-Ċentri Miftuħa

Jista' jiċċaqlaq kif irid f'Malta

# Protezzjoni Sussidjarja

# Protezzjoni Umanitarja Temporanja

Dmir li jħallas it-taxxa, il-bolla u li jirrispetta l-liġijiet

Status ta' sena li jista' jiġġedded

Dritt li jibqa' Malta

X resettlement/ rilokazzjoni

Social and Unemployment Assistance

Passaport tal-Barranin

Jista' japplika għal taħrig pubbliku b'xejn

Servizzi mediċi tal- gvern 'Core'

Jista' jaħdem: work permit f'ismu

Edukazzjoni tal-gvern primarja u sekondarja bħal-Maltin

Jista' jiċċaqlaq kif irid f'Malta

Dmirijiet ta' integrazzjoni

Dritt li jibqa' Malta

Status ta' sena, li jista' jiġġedded

Dmir li jħallas it-taxxa, il-bolla u li jirrispetta l-liġijiet

X resettlement/ rilokazzjoni

Social and Unemployment Assistance

Jista' japplika għal taħrig pubbliku b'xejn

Passaport tal-Barranin

Servizzi mediċi tal- gvern 'Core'

Jista' jaħdem: work permit f'ismu

Jista' jiċċaqlaq fejn irid f'Malta

Edukazzjoni tal-gvern primarja u sekondarja bħal-Maltin

# Protezzjoni Umanitarja 'N'

# ‘Asylum Seeker’

Dritt li jibqa’ Malta (is-soltu fid-detenzjoni)

Jista’ japplika għal taħrig pubbliku b’xejn

Dmir li jħallas it-taxxa, il-bolla u li jirrispetta l-liġijiet

Is-soltu X resettlement/ rilokazzjoni

Għajnuna finanzjarja fiċ-Ċentri Miftuħa

Edukazzjoni tal-gvern primarja u sekondarja bħal-Maltin

Jista’ jaħdem: work permit f’isem min iħaddem

Jista’ jiċċaqlaq fejn irid Malta

Servizzi mediċi tal-gvern bżonjużi

Għadu fil-proċess...

Preżenza tollerata, b'ordni ta' tneħħija

Edukazzjoni pubblika mhux neċessarjament b'xejn

Dmir li jħallas it-taxxa, il-bolla u li jirrispetta l-liġijiet

X resettlement/ rilokazzjoni

Għajnuna finanzjarja fiċ-Ċentri Miftuħa

Jista' jaħdem: work permit f'isem min iħaddem

Jista' japplika għal taħrig pubbliku b'xejn

Servizzi mediċi tal-gvern mhux ċari

Jista' jiċċaqlaq fejn irid Malta

Kważi inviżibbli għal-liġi

# 'Rejected'. Mingħar Status Formali

**M.** Dan għalfejn huwa importanti għalija?

**T.** Importanti li tkun taf l-istatus tal-persuna quddiemek għax kull status differenti jiġifieri drittijiet u obbligazzjonijiet differenti. Dan ifisser illi s-servizzi li tista' toffri jaf jiddependi mill-istatus tal-persuna, jekk id-dipartiment jew l-uffiċju tiegħek jagħmlu dawn id-distinzjonijiet.

**M.** Kif inkun naf l-istatus tal-persuna quddiemi? Pastażata li nsaqsi?

**T.** Tista' ssaqsi, imma biex tkun ċert l-aħjar titlob kopja taċ-ċertifikat mogħti mill-Kummissarju tar-Rifuġjati (RefCom). L-'Asylum-Seekers' ma jkollhomx ċertifikat, għax il-każ tagħhom ikun għadu għaddej.

**M.** Meta għandi ċ-ċertifikat quddiemi, x'għandi nara fih?

**T.** Fuq iċ-ċertifikat hemm ħafna tagħrif importanti dwar il-persuna. Iċ-ċertifikat għandu dan it-tagħrif:

• L-isem sħiħ tal-persuna, kif rikonnoxut mill-Gvern ta' Malta;
• L-ismijiet tal-membri tal-familja tal-persuna, jekk dawn qed jgħixu magħha Malta. Dan jinkludi l-mara jew ir-raġel u t-tfal dipendenti;
• Ritratt tal-persuna;
• In-numru ta' identifikazzjoni mogħti minn RefCom. Dan mhuwiex in-numru tal-Karta tal-Identita tal-persuna u mhuwiex in-numru uffiċjali tal-persuna għal skopijiet ta' identifikazzjoni;
• L-istatus tal-persuna: rifuġjat, protezzjoni sussidjarja, protezzjoni umanitarja temporanja u protezzjoni umanitajra temporanja N.

**M.** Dokumenti oħrajn?

**T.** Kull persuna tingħata Residency Card u għandek tuża din biex tidentifika il-persuna li għandek quddiemek, kif tagħmel mal-Maltin.

**M.** Jekk il-persuna m'għandhiex dokumenti magħha?

**T.** Għamel kif tagħmel mal-Maltin. Jekk għandek bżonn dokument, għidilha u ara li tkun fehmitek.

**M.** U jekk ma nistgħux nikkomunikaw minħabba l-lingwa differenti?

**T.** Hemm varji soluzzjonijiet li wieħed jista' jesplora. Tista' titlobha terġa' tiġi ma' xi ħadd li jitkellem bl-Ingliż jew bil-Malti. Jekk din hija problema ta' spiss, tista' forsi tara li jkollok dokument bażiku maqlub għal-lingwi l-aktar użati. Il-UNHCR tista' tgħinek billi toffri s-servizzi ta' interpretu fuq it-telefon. Għandhom isiru arranġamenti biex dan jiġi organizzat.

**M.** X'jiġifieri 'rejected'?

**T.** Dan ifisser illi l-persuna mhix rifuġjata u m'għandhiex bżonn il-protezzjoni tal-Gvern Malti. Din il-persuna ma tingħatax ċertifikat minn RefCom, iżda xorta jkollha Karta tal-Identita.

**M.** X'inhi d-differenza bejn rifuġjat u immigranti oħra?

**T.** Ir-rifuġjati qed jaħarbu minn darhom għax jibżgħu minn vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet fondamentali tagħhom, bħal per eżempju t-tortura u f'xi każijiet anke l-mewt. L-immigranti l-oħra jagħżlu li jitilqu minn pajjiżhom għal varji raġunijiet, bħal per eżempju xogħol, studju jew biex jingħaqdu mal-familja.

**M.** Vera li t-tfal tar-rifuġjati li jitwieldu Malta jsiru ċittadini Maltin awtomatikament?

**T.** Le, nies li jitwieldu Malta ma jsirux ċittadini Maltin awtomatikament. Din iseħħ skond in-nazzjonalita tal-ġenituri, u mhux fejn titwieled il-persuna.

**M.** X'jiġifieri r-resettlement, u għaliex mhux ir-rifuġjati kollha jiġu resettled?

**T.** Resettlement tfisser meta pajjiż jaċċetta r-rifuġjati minn pajjiż ieħor, e.ż. l-Istati Uniti jaċċettaw li jieħdu rifuġjati li qed joqogħdu Malta. Dan is-soltu jsir għal dawk ir-rifuġjati li huma partikolarment vunnerabbli bħat-tfal mingħajr adulti magħhom, rifuġjati b'diżabbilta u rifuġjati li sofrew atti ta' vjolenza gravi bħal tortura jew stupru.

Hemm ħafna raġuniiet għalfejn mhux kull rifuġjat jista' jiġi resettled: il-postijiet disponibbli fid-dinja kollha huma limitati; mhux ir-rifuġjati kollha għandhom il-bżonn jiġu resettled għax jistgħu jgħixu fil-pajjiż li qegħdin fih; u Malta għandha jkollha rwol fis-solidarjeta mar-rifġjati fid-dinja.

**M.** X'inhuma d-drittijiet tar-rifuġjati li qegħdin Malta?

**T.** Dan jiddependi mill-istatus legali tagħhom, kif hemm imfisser fit-taqsima Statuses. Hemm bżonn li niftakru wkoll li d-drittijiet tal-bniedem għandhom jitgawdu minn kulħadd, anke mir-rifuġjati u l-immigranti l-oħra. Huwa importanti wkoll li niftakru illi kull persuna għandha d-dritt li titlaq minn pajjiżha u tfittex il-kenn f'pajjiż ieħor…dan jissejjaħ id-dritt li tfittex il-kenn (the right to seek asylum).

**M.** Kemm hawn rifuġjati f'Malta?

**T.** Huwa diffiċli li ssemmi figura preċiża għax ħafna rifuġjati telqu minn Malta. Mill-2002 waslu bejn wieħed u ieħor 15,000 persuna bid-dgħajjes. Dawn mhux kollha kienu rifuġjati u ħafna minnhom ġew ritornati lejn pajjiżhom jew ingħataw iċ-ċans jibdew ħajja ġdida fl-Amerika jew f'pajjiż ieħor tal-Unjoni Ewropea.

**M.** Ir-rifuġjati huma piż kbir fuq l-ekonomija. Malta kif tista’ tlaħħaq?

**T.** Hemm ċerta spejjeż involuti fil-proċessi li jinvolvu r-rifuġjati. L-Unjoni Ewropea toffri ħafna għajnuna finanzjarja lil Malta, b’għarfien taċ-ċirkostanzi partikolari tagħha. Malta tista’ tfittex mezzi oħra biex tnaqqas dan l-impatt finanzjarju, bħal per eżempju billi tgħin lir-rifuġjati sabiex isiru aktar indipendenti. Dan jista’ jseħħ billi ninkoraġġixxu u ngħinu lir-rifuġjati biex jattendu taħriġ vokazzjonali, biex jaħdmu u biex jgħixu għal rashom.

**M.** Kemm hemm rifuġjati fid-dinja?

**T.** Huwa stimat illi fid-dinja kollha hemm madwar 15.2 miljun rifuġjat. Madwar nofshom huma nisa. 46% tar-rifuġjati kollha huma tfal.

**M.** Kemm jistgħu jdumu Malta?

**T.** Skond l-istatus speċifiku, il-permessi jiġġeddu kull sena jew kull tliet snin. Jekk is-sitwazzjoni li ġiegħlet lir-rifuġjat jaħrab minn pajjiżu tinbidel, u fil-pajjiż ma jkunx hemm problemi għar-rifuġjat, Malta tista’ titlob li r-rifuġjat jirritorna lura lejn daru. Sadattant, Malta għandha tesplora kif tinkoraġġixxi lir-rifuġjati biex jintegraw fis-soċjeta Maltija.

**M.** Jiġifieri r-rifuġjati jibqgħu rifuġjati għal dejjem? X’jiġri wara li jingħataw iċ-ċertifikat ta’ rifuġjat?

**T.** Ir-Rifuġjati m’għandhomx jibqgħu rifuġjati għal għomorhom, għax dan ifisser li jibqgħu dejjem trattati bħal barranin fil-pajjiż li jkunu qegħdn fih. Bħal kull persuna oħra, ir-rifuġjati jixtiequ jgħixu ħajja normali, jibnu familja, isiru ħbieb, u jkomplu ħajjithom mingħajr tfixkil. Fl-aħħar mill-aħħar, ir-rifuġjat jista’ jagħżel li jirritorna lejn pajjiżu b’mod volontarju jekk dan isir possibbli, jista’ jintegra b’mod soċjali u legali fil-kommunitá li qed jgħix fiha, jew jekk dawn ma jkunux possibbli, jista’ jiġi resettled jew rilokat f’pajjiż ieħor lest li jgħinu jew jgħinha.

**M.** Jekk nixtieq ngħin ir-rifuġjati, x’nista’ nagħmel?

**T.** L-aħjar ħaġa li tista’ tagħmel ma’ rifuġjat hija li timxi miegħu kif timxi ma’ kull persuna oħra, u kif tistenna li jimxu miegħek in-nies. Dan huwa importanti speċjalment fejn taħdem, fejn tista’ tiżgura illi r-rifuġjat jingħata l-istess servizz bħal kull klijent ieħor. Jekk trid tagħmel aktar, tista’ tinvolvi ruħek ma’ waħda mill-bosta NGOs li jaħdmu mar-rifuġjati.

Office of the Refugee
Commissioner (RefCom)
+356 21255257
refugee-commission@gov.mt

Agency for the Welfare of
Asylum Seekers (AWAS)
+356 25687239

Jesuit Refugee Service (JRS)
+356 21442751 – info@jrsmalta.org

UNHCR
+356 22489400 – mtava@unhcr.org

aditus foundation
+356 20106215 – info@aditus.org.mt

Malta Emigrants Commission
+356 21222644
mec@maltamigration.com

International Organisation
for Migration (IOM)
+356 21374613

aditus foundation hija għaqda independenti u volontarja, imwaqqfa biex tagħmel munituraġġ, taġixxi u tirrapporta dwar l-aċċess għal drittijiet fundamentali tal-bniedem minn persuni u gruppi. L-attivitajiet tagħha jinkludu taħriġ, għajnuna u informazzjoni legali, riċerka, rapporti, u avokatura.

aditus tiddependi fuq l-għajnuna mill-pubbliku biex tkun tista' toffri s-servizzi tagħha b'xejn, partikolarment dawk is-servizzi għan-nies l-iktar vunnerabbli.

Jekk tixtieq toffri xi għajnuna:
www.aditus.org.mt

aditus foundation
149, Old Mint Street, Valletta VLT1513 Malta

Il-UNHCR (Kummissarjat Għoli għar-Rifuġjati tal-Ġnus Magħquda) hija organizzazzjoni internazzjonali li twaqqfet fl-1950 mill-Ġnus Magħquda. Il-mandat tal-UNHCR huwa protezzjoni u għajnuna, kif hemm imniżżel fl-istatut tagħha.

Il-UNHCR tassigura l-protezzjoni internazzjonali billi tiggarantixxi li r-rifugjati ma jintbagħtux lura – kontra r-rieda tagħhom – f'pajjiżi fejn jistgħu jkollhom il-biża' li jiġu ppersegwitati, u f'kull każ, tissalvagwardja s-saħħa fiżika tagħhom.

F'Malta l-UNHCR tikkopera mal-Gvern kif ukoll ma' Għaqdiet non-Governattivi biex tħares id-drittijiet tar-rifuġjati u tiżgura li hemm aċċess effettiv għal dawn id-drittijiet.

UNHCR
72, Market Street, Floriana, Malta
www.unhcr.org.mt

Published 2013

UNHCR
The UN Refugee Agency

aditus
accessing rights